# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 7**

**Ċitazzjoni numru 995/92/1 SM**

**Francis u Carmelo aħwa Grech personalment u għan-nom u in rappreżentanza tal-Mediterranean Trawlers Company Limited u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2020 l-atti ġew trasfużi f'isem Emanuel Grech peress li missieru Carmelo Grech miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, 6150 Sgt. Mario Farrugia, Kaptan tal-bastiment tal-AFM C 28**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Novembru 2013 dwar danni allegatament subiti mill-atturi in segwitu għall-kolliżjoni bejn trawler bl-isem *Marzaiola* u *Patrol Boat PC28* kapitanata mis-Surġent 6150 Mario Farrugia fit-28 ta' Marzu 1990.

2. Il-kawża nbdiet permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Settembru 1992 permezz ta' liema l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

*'Billi fit-28 ta' Marzu 1990 l-iskuna tas-sajd MARZAIOLA (F208) tas-soċjetà attriċi, kapitanata mill-istanti Francis Grech kienet tistad bit-tkarkir 'l barra minn Ħad-Dingli – kollox skond il-liġi. Waslet fuq il-post Patrol Boat li bla ebda bażi l-kaptan tagħha waqqaf lill-istanti mis-sajd u riedhom imorru magħhom il-Haywarf.*

*"Billi l-istanti, li huma bażati l-Imġarr, Għawdex u ma kienu jagħmlu xejn kontra l-liġi riedu jmorru lejn l-Imġarr meta feġġet il-Patrol Boat 28 kapitanata mill-konvenut Surgent Farrugia li bil-pruwa tagħha tat daqqa fuq il-"port side" tal-Marzaiola.*

*"Din id-daqqa ngħatat meta abbord il-lanċa tas-sajd kien hemm tliet suldati tal-AFM li tniżżlu bil-kwiet, meta l-lanċa tas-sajd ma kinitx armata, meta abbord kien hemm żewġ ġuvnotti handikappati u meta n-nies ta' fuq il-Marziola ma kienu qed joffru ebda reżistenza u meta l-istess Marzaiola b'ebda mod ma riedet taħrab.*

*"Illi dan l-aġir abbużiv da parti tal-konvenuti ikkaġuna ħsarat inġenti fil-Marzaiola oltre li qiegħed f'sogru il-ħajja t' kull min kien abbord il-Marzaiola kompriżi suldati tal-AFM.*

*"Billi l-istanti kienu tressqu quddiem l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-imputazzjonijiet li stadu f'żona projbita u li ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-personnel tal-AFM u mill-ewwel akkuża b'sentenza tal-4 ta' Ġunju 1990 ħarġu liberati.*

*"Jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Qorti m'għandiex:*

*"1. Tiddikjarahom responsabbli għad-danni kollha li soffrew l-istanti minħabba l-imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti, u in ġenerali, l-aġir abbużiv tagħhom kif imfisser;*

*"2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*"3. Tikkundannahom iħallsu lill-istanti ammont hekk likwidat u dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.*

*"Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest tad-29 ta' Marzu 1990 u tal-ittri uffiċjali tal-20 ta' Marzu 1992 u tal-24 ta' Marzu 1992 u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenuti, inġunti għas-subizzjoni.'*

3. Fit-30 ta' Marzu 1993 il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ppreżenta nota tal-eċċezzjonijiet u kontro-talba li biha eċċepixxa:

> *'1. L-illegalità tal-causa tal-azzjoni stante li d-danni lamentati jirriżultaw minn aġir illegali tal-atturi.*
>
> *"2. Illi huwa ma wettaq ebda agir doluż jew kolpuż fil-konfront ta' l-atturi u l-impjegati tiegħu aġixxew fil-konfront tagħhom in eżekuzzjoni ta' dover pubbliku impost fuqhom mil-liġi, u ma jirrispondux għad-danni mitluba.*
>
> *"Salvi eċċezzjonijiet oħra.'* [1]

4. Il-kontro-talba tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta tikkonsisti fis-segwenti:

> *'Illi l-iskontru tat-28 ta' Marzu 1990 bejn it-Trawler 'Marzaiola' u l-Patrol Craft Numru 28 li dwaru qegħda din il-kawża kien riżultat ta' aġir illegali persistenti da parti ta' l-atturi.*
>
> *"ILli bħala konsegwenza ta' l-istess skontru li għalih jaħti l-aġir doluż ta' l-atturi, l-esponent sofra danni nġenti.*
>
> *"Premess illi meta interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' l-istess danni l-atturi baqgħu inadempjenti.*
>
> *"Jgħdiu l-atturi għaliex dina l-Qorti m'għandiex:*
>
> *"1. Tiddikjarahom responsabbli għad-danni kollha li sofra l-istanti bħala riżultat ta' l-aġir abbużiv u doluż tagħhom kif fuq spjegat;*
>
> *"2. Tillikwida d-danni okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;*
>
> *"3. Tikkundanna lill-atturi sabiex iħallsu lill-istanti l-amont hekk likwidat u dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.*
>
> *"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-kontro-protest tat-22 ta' Mejju 1990 u ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Mejju 1990 u ta' l-ittra uffiċċjali tas26 ta' Marzu 1992, kontra l-atturi rikonvenzjonati u bl-imgħax legali skond il-liġi.'* [2]

[1] Fol. 64.
[2] Fol. 66.

5. Il-konvenut l-ieħor, Mario Farrugia, kaptan tal-bastiment tal-AFM PC28 wieġeb:

> *'1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-danni lamentati kienu kaġunati aċċidentalment wara li huwa kellu javviċina l-bastiment tas-sajd ta' l-atturi bħala konsegwenza ta' aġir doluż u llegali persistenti da parti ta' l-atturi.*
>
> *"Salvi eċċezzjonijiet oħra'*[3]

6. Francis u Carmelo aħwa Grech *proprio et nomine* wieġbu għall-kontro-talba tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet preżentata fis-16 ta' April 1993[4] fejn eċċepew illi:

> *'1. In kwantu saret kontrihom nomine l-ewwel kontro talba, is-soċjetà minnhom rappreżentata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi s-soċjetà minnhom rappreżentata qatt ma setgħet tkun ħatja ta' 'aġir abbużiv u doluż' kif imsemmi fl-ewwel kontro talba.*
>
> *"2. Isegwi li similment għandha tiġi miċħuda it-tieni kontro-talba billi m'hemmx danni x'jiġu likwidati kontra s-soċjetà imsemmija.*
>
> *"3. Jiżdied isegwi illi għandha tiġi similment miċħuda it-tielet kontro-talba billi ma hemm ebda ammont li s-soċjetà kummerċjali msemmija għandha tiġi kkundannata tħallas lil min għamel il-kontro-talba.*
>
> *"4. Carmelo Grech personalment jeċċepixxi li l-ewwel kontro-talba kontrih għandha tiġi miċħuda għax hu ma kellux il-kmand tad-dgħajsa tas-sajd f'idejh u fi kwalunkwe każ l-inċident seħħ tort tal-aġir abbużiv, inġustifikat u "high handed" u fl-istess ħin bla ħila marittima, da parti ta' min għamel il-kontro talba u n-nies li jiġu taħt il-kmand tiegħu.*
>
> *"5. Isegwi li t-tieni kontro talba għandha tiġi miċħuda billi m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati fil-konfront ta' Carmelo Grech personalment.*
>
> *"6. Jiżdied isegwi illi it-tielet kontro-talba in kwantu diretta kontrih personalment għandha tiġi miċħuda għax m'hemm ebda ammont li hu għandu jiġi kkundannat iħallas lil min għamel il-kontro talba.*

---

[3] Fol. 69.
[4] Fol. 71 – 72.

*"7. Francis Grech personalment jeċċepixxi ili <u>l-ewwel kontro-talba</u> għandha tiġi miċħuda għaliex l-inċident "ut sic" seħħ minħabba aġir abbużiv, inġustifikat, intemperat u "high handed" da parti ta' min għamel il-kontro-talba u n-nies li jiġu taħt il-kmand tiegħu, u l-ħsarat allegatament sofferti kienu riżultat lampanti ta' nuqqas ta' ħila marittima l-aktar elementari f'min, min għamel il-kontro-talba ħalla f'idejh il-kmand tal-lanċja tal-AFM in kwistjoni.*

*"8. Jitnissel mill-eċċezzjoni numru seba li riferibbilment <u>għat-tieni kontro-talba</u> ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwisati fil-konfront ta' Francis Grech personalment.*

*"9. Ikompli jitnissel riferibbilment <u>għat-tielet kontro-talba</u> illi ma hemm ebda ammont li għandu jiġi kundannat iħallas Francis Grech personalment.*

*"10. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi u biċ-ċaħda ta' kull kontro-talba bl-ispejjeż kollha kontra l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.'*

7. Fis-sentenza, l-ewwel Qorti irraġunat hekk:

*'36.0. Illi ... din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi proprio et nomine ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentment filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati u l-kontro-talbiet minnu sollevati, takkolji t-talbiet tal-atturi proprio et nomine u l-eccezzjonijiet minnhom sollevati ghall-kontro-talba fuq riferita, u konsegwentement:*

*"36.1. Tiddikjara lill-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi proprio et nomine minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti u in generali, l-agir abbuziv tieghu;*

*"36.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi proprio et nomine fl-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u tlettax–il Lira Maltin, (LM21,213.00);*

*"36.3. Tikkundanna lill-Kap Kmandant fuq indikat biex ihallas lill-atturi proprio et nomine l-ammont likwidat filparagrafu precedenti;*

*"36.4. Tillibera lill-konvenut Surgent 6150 Mario Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju;*

*"36.5. Bl-ispjjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra listess Kap Kamandant fuq riferit.'*

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal din il-konklużjoni kienu s-segwenti:

*'30.0. Illi r-relazzjoni peritali in dizamina tista' sintetikament tigi esposta bil-mod segwenti:*

*"30.1. Illi ghall-habta tad-disgha u nofs u hames minuti (9:35am) ta' fil-ghodu tat-28 ta' Marzu, 1990, l-ufficjal responsabbli mill-iskwadra marittima tal-Forzi Armati ta' Malta kien infurmat mis-sala tal-kontroll tal-ewwel regiment tal-F.A.M. li helikopter tal-istess forzi pilotat mill-Kaptan T. Smith kien irraporta li kien hemm dghajsa tas-sajd Maltija bin-numru F 208 tistad bis-sistema tat-tkarkir fil-vicinanzi ta' Fomm ir-Rih;*

*"30.2. Illi ghalhekk Patrol Boat taht il-kmand ta' Warrant Officer H. White kienet ordnata ssalpa mill-bazi ta' Hay Wharf u tinvestiga r-rapport;*

*"30.3. Illi l-Patrol Boat indikata fil-paragrafu precedenti intercettat trawler bl-isem ta' Marzaiola bin-numru F 208 fl-ghaxra u nofs u sitt minuti, (10:36 am), ta' fil-ghodu fil-pozizzjoni ta' mil u nofs 'il boghod minn Migra Ferha;*

*"30.4. Illi l-kaptan tad-dghajsa tas-sajd de quo gie ordnat itella' x-xbieki u gie avvertit li kien qed jikser il-ligi;*

*"30.5. Illi l-kaptan tal-Marzaiola injora l-istruzzjonijiet lilu moghtija;*

*"30.6. Illi wara li dawn l-istruzzjonijiet gew ripetuti xi tlett (3) darbiet, il-kaptan tal-Marzaiola beda jtella' x-xbieki li ittellghu sal-hdax neqsin tlett minuti (10.57am) ta' filghodu;*

*"30.7. Illi l-istess kaptan tad-dghajsa tas-sajd gie wkoll ordnat imur fil-bazi tal-iskwadra marittima;*

*"30.8. Illi pero` jirrizulta li dan il-kaptan sajjied irrifjuta jobdi l-ordni legittima lilu moghtija u minflok informa lill-forzi armati li kien lest biss imur l-Imgarr, Ghawdex;*

*"30.9. Illi kif il-Marzaiola bdiet tipprocedi lejn l-Imgarr, Ghawdex, din inghatat diversi ordnijiet biex tmur Hay Wharf, li izda, kienu ripetutament injorati;*

*"30.10. Illi fil-hdax u tnejn u erbghin minuta (11:42 am) ta' fil-ghodu meta l-opri tal-bahar in kwistjoni kienu issa waslu c-Cirkewwa, l-Marzaiola giet infurmata li kienet qed tinghata l-ahhar twissija u li kellha tipprocedi fejn kienet inghatat l-istruzzjonijiet li kellha tmur;*

*"30.11. Illi nonostante dan, il-Marzaiola xorta baqghet persistentement tinjora l-ordnijiet lilha moghtija u dan, addirittura anke wara li gew ukoll sparati zewg kolpi t'avvertiment bl-armi tan-nar tal-Patrol Boat;*

*"30.12. Illi konsegwentement, tlett membri tal-forzi armati kienu kostretti jibbordjaw il-Marzaiola bil-forza;*

*"30.13. Illi ghall-habta ta' nofsinhar (12:00pm) waslet ukoll fuq il-post il-Patrol Boat C 28 kapitanata mis-Surgent konvenut 6150 Mario Farrugia li kienet ordnata tassisti lid-dghajsa l-ohra precedentement mibghuta, li ippruvat tmur ma genb il-Marzaiola biex tnizzel suldati ohra fuqha;*

*"30.14. Illi l-Marzaiola xorta ippersistiet li ma twegibx ghas-sollecitazzjoni serja tal-forzi legittimi tal-ordni u ostinatament baqghet sejra fid-direzzjoni opposta ghal dik lilha ordnata tiehu;*

*"30.15. Illi f'din il-fazi tas-saga ostinatament riskontrata sehhet il-kollizjoni bejn il-Marzaiola u s-C 28;*

*"30.16. Illi rizultat ta' dan, iz-zewg bastimenti gew danneggjati;*

*"30.17. Illi wara dan l-iskontru marittimu, il-Marzaiola ddecidiet tibdel ir-rotta taghha u dawret lejn Hay Wharf fejn giet debitament skortata u waslet hemm fis-saghtejn neqsin kwart (1:45pm) ta' wara nofs inhar;*

*"30.18. Illi minn spezzjoni kondotta fuq il-Marzaiola instabu u gew elevati erbatax –il kaxxa hut u kienet varata inkjesta Magisterjali;*

*"Ikkunsidrat:*

*"31.0. Illi fir-rigward tal-fatti kif fuq sintetikament elenkati l-perit legali involut ghandu is-segwenti x'jghid fir-relazzjoni tieghu, (ara fol 244);*

*"31.1. Illi minkejja l-allegazzjonijiet fuq indikati, (ara paragrafu numru tletin, (30), et sequitur, aktar qabel), " … ma ngabet ebda prova biex tigi sostnuta din l-eccezzjoni" (ara fol 244) – senjatament li d-danni reklamati jirrizultaw minhabba agir illegali tal-atturi;*

*"31.2. Illi l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallegha u fil-kaz odjern, dan jirrizulta spartit ugwalment fuq il-kontendenti, (ara fol 244);*

*"31.3. Illi l-istess perit legali jirrileva li l-atturi kienu gew liberati mill-imputazzjonijiet li kienu qed jistadu f'zona ipprojbita, (ara fol 244);*

*"Ikkunsidrat:*

*"32.0. Illi rigward ir-responsabbilità ghall-akkadut l-istess perit legali riferit isostni sintetikament is-segwenti:*

*“32.1. Illi kienet is-C 28 li “b’arroganza u abbuzivament bil-pruwa taghha tat daqqa fuq il-“port side” tal-Marzaiola u kkagunatilha hsara estensiva …”, (ara fol 246);*

*“32.2. Illi l-atturi jsostnu li f’dan il-mument tal-ixprunar mis-C 28 jirrizulta s-segwenti:*

*“32.2.1. Illi l-Marzaiola ma kienet qed taghmel xejn hazin;*

*“32.2.2. Illi fuqha kien hemm tlett (3) suldati armati;*

*“32.2.3. Illi fuqha s-sajjieda ma kienux armati u m’offrew l-ebda rezistenza;*

*“32.3. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fuq il-Marzaiola sar uzu sproporzjonat ta’ forza;*

*“32.4. Illi peró l-istess perit legali jsostni li l-atturi proprio et nomine ma gabux il-prova rikjesta mill-ligi biex jipprovaw li l-konvenut Farrugia kien intenzjonat jikkaguna danni fuq il-Marzaiola deliberatament, (ara fol 258);*

*“32.5. Illi l-kaptan konvenut Farrugia kien qieghed biss jesegwixxi ordnijiet tas-superjuri tieghu;*

*“32.6. Illi kemm minhabba kondizzjonijiet tal-bahar kif ukoll minhabba d-diffikultà fil-komunikazzjoni, ghalkemm seta’ kien hemm xi negligenza mill-konvenut Farrugia, din ma kienitx ta’ natura doluza;*

*“32.7. Illi “r-responsabbilità ghall-incident taqa’ biss fuq il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati”, (ara fol 258);*

*“Ikkunsidrat:*

*“33.0. Illi rigward id-danni sofferti mill-atturi proprio et nomine, l-istess perit legali involut sintetikament jirrileva ssegwenti:*

*“33.1. Illi d-danni gew stmati permezz ta’ rapport imhejji min BDO – Certified Public Accountants and Auditors;*

*“33.2. Illi ghar-riparazzjoni tal-iskuna de quo, intefqet issomma komplessiva ta’ wiehed u ghoxrin elf, mitejn u tlettax –il Lira Maltija, (LM21,213.00), kif dedotta fir-rapport immarkat Dok. JA, (ara fol 423 et sequitur);*

*“33.3. Illi ghar-ragunijiet premessi fir-relazzjoni tieghu listess perit legali jsostni li ghandu jaccetta l-kontenut tar-rapport professjonali de quo, (ara fol 260);*

*“Ikkonsidrat:*

*"34.0. Illi rigward il-kontrotalba prodotta mill-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, l-istess perit legali jsostni s-segwenti:*

*"34.1. Illi dan talba il-hlas ta' danni sofferit bhala rizultat tal-fatti fuq esposti;*

*"34.2. Illi stante li ma jirrizultawx, il-kontro-talba ma tistax tigi milqugha;*

*"Ikkonsidrat:*

*"35. Illi in vista tal-premess wara ezami akkurat tal-atti kollha relattivi din il-qorti kif preseduta, m'ghandhiex ragunijiet biex ma tilqax il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet indikati mill-istess perit legali u konsegwentement qed taghmel taghha l-istess kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali fuq riferit u hawn sintetikament esposti'*

9. Permezz ta' rikors datat 27 ta' Novembru 2013 l-atturi talbu li ssir korrezzjoni fid-deċide tas-sentenza fis-sens illi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u tlettax-il Lira Maltin (Lm21,213) jinbidel u minflok isir disgħa u erbgħin elf u erba' mija u tnax-il Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€49,412.99). B'digriet tad-29 ta' Novembru 2013 il-qorti laqgħet it-talba.

10. Fir-rikors tal-appell[5] il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ilmenta '*limitatament għal dik il-parti tagħha fejn il-Qorti iddikkjarat lill-esponent Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi proprio et nomine minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti u in ġenerali, l-aġir abbużiv tiegħu, fejn illikwidat id-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u tlettax-il Lira Maltin, (Lm21,213.00) u*

[5] Fol. 534 *et seq*.

*kkundannat lill-esponent iħalas l-istess kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża, u fejn l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet il-kontro-talbiet sollevati mill-istess Kap Kmandant tal-Forzi Armati.'* L-aggravji tiegħu huma:

10.1. in-nuqqas ta' leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt fil-mori tal-kawża tal-attur Francis Grech;

10.2. illi r-responsabbilità tal-inċident mill-aspett fattwali ma kellha qatt tiġi attribwita lilu;

10.3. illi l-Qorti tal-ewwel istanza għamlet apprezzament mhux xieraq ta' xi prinċipji legali applikabbli fil-każ in disamina;

10.4. illi saret inġustizzja miegħu meta l-ewwel Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha mingħajr ma ħadet konjizzjoni tal-proċeduri kriminali li kellhom jitqiesu bħala parti ntegrali mill-proċeduri odjerni;

10.5. mill-mod kif l-ewwel Qorti waslet għall-komputazzjoni tad-danni;

10.6. illi l-kontro talba tiegħu ġiet ippruvata u kellha tiġi milqugħa.

11. L-appellati wieġbu illi s-sentenza appellata timmerita konferma *in toto* filwaqt li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.[6]

12. Fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2019, id-difensuri tal-appellant infurmaw lil din il-Qorti li miet ukoll Carmelo Grech.[7]

13. Fl-udjenza sussegwenti tal-1 ta' April 2019,[8] deher Emanuel Grech li ddikjara li huwa direttur ta' *Med Trawlers* u għalhekk assuma l-atti tal-istess soċjetà u laqa' n-notifika tal-Avviż ta' smigħ. L-appell ġie differit għal-leġittimazzjoni tal-atti ta' Carmelo Grech u Francis Grech u għan-notifika bl-avviż ta' smigħ ta' Mario Farrugia.

14. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2020 Emanuel Grech ippremetta li huwa l-eredi leġittimu tal-attur Carmelo Grech u konsegwentement talab lil din il-Qorti tordna t-trasfużoni tal-ġudizzju f'ismu. L-istess rikors intlaqa' fl-24 ta' Settembru 2020 u ġiet ordnata l-korrezzjoni relattiva fl-okkju.[9]

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

*L-Ewwel Aggravju.*

---

[6] Fol. 555.
[7] Fol. 566.
[8] Fol. 567.
[9] Fol. 579.

15. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta illi minkejja li Francis Grech miet waqt li l-kawża kienet qiegħda tinstema' mill-ewwel Qorti, hekk kif dikjarat mir-rappreżentant legali tiegħu fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2001,[10] il-leġittimazzjoni tal-atti baqgħet ma saritx. Jargumenta li s-sentenza appellata hi nulla kif ukoll illi s-sentenza mpunjata ma tista' tagħmel l-ebda stat fil-konfront ta' Francis Grech.

16. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-prim'istanza għamlet l-osservazzjonijiet segwenti:

> *"27.0. Illi rigward il-mewt tal-attur Francis Grech ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*
>
> *"27.1. Illi kif jidher mill-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datat it-22 ta' Frar, 2001, dan iddikjara in faciem curiae li l-imsemmi attur Francis Grech kien miet fil-mori tal-kawza, (ara paragrafu numru tnax (12), aktar qabel, u fol 124);*
>
> *"27.2. Illi kif jidher fl-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti u fil-verbal tas-seduta datata l-21 ta' Jannar, 2001, quddiem il-perit legali suriferit, l-istess abbli rapprezentant legali involut id-darbtjen sostna li kien bi hsiebu jaghmel il-legittimazzjoni tal-atti konsegwenzjali;*
>
> *"27.3. Illi minn ezami tal-atti prodotti jirrizulta li din il-legittimazzjoni indikata fil paragrafu precedenti ma saritx;*
>
> *"27.4. Illi nonostante cio` din il-qorti qed tipprocedi bilprocedura stante li l-partijiet nonostante li kienu qed jaghtu l-kunsens taghhom, xorta ghazlu li jkomplu bil-procedura odjerna u jkun sprek inuman u indekoruz li titwaqqaf din il-procedura wara aktar minn ghoxrin (20) sena ta' dilungar immani u ingustifikat'*

[10] Fol. 124.

17. Din il-Qorti rat l-atti, speċifikament il-verbali u noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti. Ma jirriżultax illi l-appellant issolleva l-ilment quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. M'għandux ikun li parti tipprova tieħu vantaġġ mill-passivita` tagħha waqt li l-proċeduri jkunu quddiem l-ewwel Qorti.

18. F'kull każ, issir referenza għall-**Artikolu 810B** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ntrodott bl-Att XVII tal-2012, *ossija* ftit aktar minn sena qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, li jipprovdi:-

> *'**810B**. Meta, fi żmien sitt xhur mill-mewt pendente lite ta' xi parti f'kawża, ma jkun sar ebda rikors minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minflok il-mejjet, jew fejn matul dan iż-żmien ebda rikors ma jkun ġie intavolat minn xi parti fil-kawża sabiex jintalab li l-kawża tkompli ssir f'isem l-eredi preżunt jew preżunti tal-mejjet, il-kawża għandha tkompli f'isem il-mejjet u kwalunkwe sentenza li tingħata f'tali kawża tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet:*
>
> *"Iżda minkejja li jkun għadda l-perjodu ta' sitt xhur stipulat f'dan l-artikolu, kwalunkwe persuna interessata li għaliha jirreferi l-artikolu 807 kif ukoll il-parti l-oħra fil-kawża tista', sa dak iż-żmien li l-kawża tiġi differita għas-sentenza jew wara s-sentenza fil-każ li l-persuna jew il-parti msemmija tippreżenta rikors tal-appell, tutilizza d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 806 u807 rispettivament:*
>
> *"Iżda wkoll ebda sentenza mogħtija fir-rigward ta' parti mejta m'għandha titqies bħala nulla jew difettuża minħabba l-fatt biss li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi f'dan l-artikolu ma jkunx laħaq għadda sal-mument meta l-kawża tmur għas-sentenza.'*

19. Dan l-aggravju huwa għalhekk fieragħ u miċħud.

*It-Tieni Aggravju.*

20. Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi kieku l-atturi obdew immedjatament l-ordni leġittima tal-awtorità pubblika, ma kinux isegwu ċ-ċirkostanzi li taw lok għal din il-kwistjoni. Jilmenta li għalkemm ġew liberati mill-akkużi ta' sajd f'żona projbita, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabithom ħatja ta' ksur ta' ordni leġittima. Jgħid li kif konfermat mill-attur innifsu,[11] fil-jum in kwistjoni kien ħafna maltemp li kien fattur ewlieni li kkontribwixxa għad-diffikulta` fil-manuvrar u navigazzjoni tal-bastimenti in kwistjoni. Jisħaq għalhekk li huwa essenzjali li l-kaptan tad-dgħajsa jkun fiżikament preżenti u moħħu hemm waqt operazzjoni ta' avviċinament u *boarding*. Kompla li minflok l-attur Francis Grech żamm *a proper lookout,* allontana ruħu mill-kabina tal-pilotaġġ sabiex jara x'kien qed jiġri wara u għalhekk l-*Marzaiola* ma kellha lil ħadd fit-tmun biex jidderiġiha fil-mument qabel ma seħħ l-impatt. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tqis kredibbli u loġika t-teżi tal-atturi illi l-konvenut intenzjonalment għamel *ramming* dirett lejn il-bastiment tagħhom meta: (i) fuq il-*Marzaiola* diga` kien hemm membri tal-AFM, kollegi, abbord; (ii) il-bastiment PC28 kien f'pożizzjoni *neutral;* u (iii) il-ħsara fuq il-bastiment PC28 kienet mal-ġenb u mhux frontali. Kompla li lanqas ma kellu jiġi emmnut u illi ladarba ħadd minnhom ma offra reżistenza meta sar il-*boarding*, allura dan ma kienx neċessarju. Itenni li l-akkadut kollu kien inċident żvinturat sforz it-temp li kien u li pero`, il-promutur ewlieni tiegħu kienu l-atturi nfushom minħabba l-ostilità

[11] Fol. 128.

tagħhom u l-isfida lejn l-ordnijiet leġittimi tal-konvenut. Jikkonkludi dan l-aggravju bl-argument li kieku t-teżi attriċi kienet minnha, ossija li l-konvenuti kellhom nuqqas ta' ħila marittima l-aktar elementari, l-ewwel Qorti kienet issib xi forma ta' tort fil-konvenut Farrugia. La dan ma kienx il-każ, kellu jiġi liberat l-appellant ukoll.

21. Mill-atti, id-dinamika tal-inċident tirriżulta pjuttost ċara. Involuti kien hemm tliet opri tal-baħar:

i. *Trawler* ***Marzaiola*** **(F208)** u li fuqha kien hemm l-attur Carmelo Grech, l-attur Francis Grech (kaptan), Joseph u Pierre Grech (ulied l-attur Francis Grech) u Emanuel Grech (iben l-attur Carmelo Grech). Bl-eċċezzjoni ta' Joseph Grech, il-membri ta' dan l-ekwipaġġ kollha xehdu fil-kawża;

ii. ***Patrol Boat*** **27** ***Barberis*** li fuqha kien hemm il-kaptan Harry White li miegħu kellu tlett membri tal-ekwipaġġ oħra fosthom Grezzju Sammut. Kien biss dan tal-aħħar li xehed fil-kawża; u

iii. **PC28** li fuqha kien hemm il-konvenut Mario Farrugia li kien il-kaptan (*patrol master*) u miegħu kellu tliet membri tal-ekwipaġġ, George Mangion (*second mate*), Martin Mercieca (*seaman/deck hand*) u Alan Galea (*deck hand*). Kollha xehdu.

22. Huwa paċifiku illi fit-28 ta' Marzu 1990 il-lanċa tas-sajd *Marzaiola* kienet qed tistad bix-xbieki tat-tkarkir 'il barra minn Ħad-Dingli ġo Fomm ir-Riħ. Din intlemħet għall-ħabta tat-8:30am mill-*helicopters* tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM) li minn naħa tagħhom bagħtu Patrol Boat 27 *Barberis*[12] sabiex tivverifika kienx qed isir sajd ta' ħut bit-tkarkir għaliex skont l-AFM iż-żona in kwistjoni kienet '*too close to shore'* u għalhekk ma setax isir tkarkir fiha.[13] Għall-ħabta tal-10:30am il-*Patrol Boat* 27 *Barberis* infurmat il-*control room* tal-AFM li kienet ħdejn il-lanċa tas-sajd *Marzaiola* u li din kienet qiegħda effettivament tintuża xibka sabiex isir sajd bit-tkarkir. Żiedet li għalkemm ordnat lill-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* jerfgħu x-xbieki u jidderiġu l-iskuna lejn il-bażi tal-AFM f'Sa Maison,[14] l-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* rrifjuta li jmur *Hay Wharf* u nsistew li minflok jidħlu lura fil-port ġewwa l-Imġarr Għawdex. Min-naħa tal-*control room* sar kuntatt mal-*Commanding Officer* u fil-10:46am ingħatat ordni sabiex il-lanċa PC28 tmur tassisti. Ftit wara, fil-10:57 il-*Barberis* informa lill-*control room* li l-*Marzaiola* kienu tellgħu x-xibka u kellhom xi ħut fil-poppa. Fil-11am il-*Marzaiola* bdiet tiċċaqlaq u nsista li jmur Għawdex. Kien f'dak il-punt li mill-*control room* idderiġew lill-*Barberis* tispara xi *warning shots*. Fil-frattemp, il-PC28 kienet fi triqtha biex tmur tassisti lill-*Barberis* (P27). Fil-11:35am l-*control room* tennew lil *Barberis* biex tispara *warning shots* u

[12] Fol. 292 – 293.
[13] Fol. 277.
[14] Fol. 290.

fil-fatt ġew infurmati li kienu ġew sparati żewġ tiri. Fil-11:58am minn fuq il-*Barberis* (P27) tliet membri tal-ekwipaġġ telgħu fuq il-*Marzaiola*[15], u fuq il-*Barberis* (P27) kien baqa' biss il-*warrant officer* Harry White.[16]

23. Skont Grezzju Sammut, l-uniku membru tal-ekwipaġġ tal-*Barberis* li xehed f'dawn il-proċeduri, kien hu l-ewwel li tela' fuq il-*Marzaiola* u l-ekwipaġġ laqgħu '*fis-sens li għinni biex ma niżloqx fuq iż-żlieq li jkun hemm fuq il-lanċa u naqa' l-baħar. Dan ukoll peress li kien hemm iċ-ċaqliq. Nista' ngħid li jien bżajt li setgħu jimbuttawni iżda sibt il-kontra'.*[17] Jgħid imbgħad li, '*kif eżatt tela' t-tielet wieħed fuq il-Marzaiola (dan kien għadu fuq il-parketta) ħassejna d-daqqa u dan it-tielet kważi waqa' l-ġewwa.'*

24. Min-naħa tiegħu l-konvenut Mario Farrugia xehed li, peress li kellu lanċa kbira u seta' jsofri *challenge* ntbagħat biex jassisti l-iskuna *Marzaiola* tidħol Hay Wharf *<u>'at all costs'</u>*.[18] Qal ukoll li f'każ ta' reżistenza kellu ordni biex '*nuża l-mezzi tal-lanċa stess u nirramjah ħalli nwaqqfu'*. Spjega wkoll li l-mezzi ta' komunikazzjoni mal-*Marzaiola* u mal-*Barberis* ma kinux ċari u kontinwi b'dan illi straħ fuq id-direzzjoni li kellu mill-*control room*. Jgħid imbagħad illi:

> *'Meta l-Marzaiola avviċinat il-ponta taċ-Ċirkewwa jiena fhimt li din kienet sejra lejn Għawdex u jiena għamilt il-mossa tiegħi u ċioe ħriġt*

[15] Fol. 293.
[16] Fol. 290.
[17] Fol. 290.
[18] Fol. 277.

*lejn starboard (lemin). Sadanittant komunikazzjoni ma' lanċja l-oħra ma kienx hemm. Kif avviċinajt il-lanċja dawwart port side, qtajt l-ispeed u ġibtha neutral, u bil-pruwwa* <u>*bqajt sejjer għal fuqha*</u>*. Kif eżatt se mmissha ġbidt astern. Il-lanċja missejniha billi tajniha mbottatura. Aħna bqajna nduru magħha u ġejna alongside peress li kellha l-magni mqabbdin u ħadna daqqa mad-diriġenti tal-Marzaiola. Kif inkixfet il-poppa u stajt nara l-open deck tal-Marzaiola, insib li nies minn tagħhna li kienu fuq il-lanċja l-oħra kienu telgħin fuq il-Marzaiola bl-għajnuna tal-attur stess. Niċċara li biex sar dan il-lanċa l-oħra kienet qed tmiss mal-Marzaiola.*

*"Irrid ngħid illi n-nies telgħin abbord rajthom u sirt naf b'hekk mhux għax għadda xi messaġġ bejn iż-żewġ laneċ militari. Hawn ħadu over in-nies tagħna li kienu fuq il-lanċja l-oħra.'* (enfasi tal-Qorti)

25. Jirriżulta bla ebda dubju li l-kaptan u l-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* ma obdewx l-ordni lilhom mogħtija mill-Forzi Armati ta' Malta u baqgħu ripetutament jisfidaw l-ordni. Iżda dan il-fatt waħdu ma jfissirx neċessarjament illi d-danni lamentati mhumiex imputabbli lill-appellant, kif allegat minnu permezz ta' dan l-aggravju. Kif tajjeb irrelata l-perit legali, il-punt determinanti huwa iżda jekk l-aġir tal-AFM, li wassal għall-inċident in kwistjoni, kienx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi. Meta sar l-impatt kien hemm diġa` tliet suldati tal-Forzi Armati ta' Malta fuq id-dgħajsa. Mhemm l-ebda prova li l-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* offra xi reżistenza.

26. Din il-Qorti tifhem li l-PC28 intbagħtet biex tkun ta' *support* għall-*patrol boat P 27* li kienet qed issib reżistenza mill-atturi, fis-sens limitat li dawn riedu bilfors imorru lura l-port fl-Imġarr, Għawdex u mhux fil-bażi tal-AFM ġewwa Hay Wharf. Iżda ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-PC28 tintervjeni mill-ewwel b'dak il-mod.

27. Minkejja li l-membri l-oħra tal-ekwipaġġ tal-PC28, George Mangion, u Martin Mercieca xehedu li ma kienx hemm/ma rawx membri tal-ekwipaġġ tal-*Barberis* (P27) fuq il-*Marzaiola* qabel li seħħ l-inċident,[19] il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn ma temminx lil Grezzju Sammut li spjega kif bl-għajnuna tal-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* stess, hu u l-kollegi tiegħu kienu għadhom kif niżlu minn fuq il-*Marzaiola* meta seħħ l-impatt. Verżjoni ikkoroborata mill-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* li kkonfermaw li tliet membri tal-ekwipaġġ tal-*Barberis* kienu għadhom kif telgħu fuq il-*Marzaiola* bl-għajnuna tagħhom qabel daħlet fihom l-PC28.[20] Il-qorti ma tqishiex bħala verosimili li l-membri tal-ekwipaġġ tal-PC28 ma rawx li abbord *Marzaiola* kien hemm diġa` suldati oħra li telgħu minn fuq *Barberis* (P27).

28. Effettivament, dan il-fatt jirriżulta wkoll aċċettat mill-appellant stess f'paragrafu 24 u 25 tal-appell tiegħu fejn jargumenta li r-*ramming* ma kienx intenzjonat għaliex:

(i) fuq il-*Marzaiola* diga` kien hemm membri tal-AFM;

(ii) il-bastiment PC28 kien f'pożizzjoni *neutral;* u

(iii) il-ħsara fuq il-bastiment PC28 kienet mal-ġenb u mhux frontali.

29. L-appellant jinjora iżda l-fatt li:

[19] Fol. 286 u 288.

[20] Fol. 268 – 269, 270.

29.1. Kemm il-kaptan Mario Farrugia kif ukoll George Mangion ikkonfermaw li l-ordni li ngħatatilhom mill-*control room* kienet sabiex il-PC28 '*tirramja'* l-*Marzaiola;*[21]

29.2. Mario Farrugia xehed illi '*Kif avviċinajt il-lanċa dawwart port side, qtajt l-ispeed u ġibtha neutral, u bil-pruwa bqajt sejjer għal fuqha'.* Kliem li ma jħalli ebda dubju li l-PC28 baqgħet dieħla bil-*momentum* tagħha stess[22] għal ġol-*Marzaiola*. Il-*Master* stess ikkonferma li stenna eżatt kif kien se jmiss mal-*Marziaola* biex ġibed *astern*;

29.3. Il-fatt li PC28 laqtet lil *Marzaiola* mill-ġenb ifisser li kienet il-PC28 li daħlet fil-*Marzaiola*, irrispettivament l-intenzjoni kinitx li jsir *ramming* jew xi manuvra oħra. Id-dinamika tirriżulta ċara kif spjegata mill-ekwipaġġ tal-PC28 li lkoll jikkonfermaw li kienet il-PC28, fuq ordni tal-*control room,* li avviċinat lill-*Marzaiola* bl-intenzjoni li tolqotha.

30. Skont George Mangion *'l-intenzjoni kienet li naħbtu żaqq ma żaqq imma fil-fatt ħbatna starboard bow mal-mid ship tal-Marzaiola u bqajna nduru u spiċċajna alongside.'*[23] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu

[21] Fol 277 u fol 286 fejn George Mangion, second mate fuq il-PC28, jikkonferma li mill-control room '*irċivejna ordni biex nagħmlu ram and board'.*
[22] Hawn si tratta ta' lanċa ta' mitt pied.
[23] Fol. 287.

quddiem l-ewwel Qorti l-appellant argumenta li peress li fuq il-*Marzaiola* kien hemm ekwipaġġ ta' erba' min-nies, '*u peress li kien indispensabbli li jiġi żgurat li jiġi stabbilit kontroll tas-sitwazzjoni da parti tal-konvenuti kien assolutament meħtieġ almenu* minimu *ta' żewġ suldati għal kull persuna li tkun allegatament qed taġixxi bi ksur tal-liġi'.* Għalhekk, skont l-appellant, kien meħtieġ li fuq il-*Marzaiola* jinżlu mhux biss tliet membri tal-ekwipaġġ tal-P27 iżda wkoll 4 membri tal-ekwipaġġ tal-PC28.[24] B'hekk, skont l-appellant, il-*Master* tal-PC28 avviċina l-*Marzaiola* bl-intenzjoni li jniżżel aktar membri fuq dan il-bastiment. Madankollu dak seta' faċilment isir wara li t-tliet suldati li niżlu abbord *Marzaiola* jieħdu kontroll tal-bastiment, iktar u iktar meta tikkonsidra li l-ekwipaġġ m'offra l-ebda reżistenza lit-tliet suldati li telgħu fuq *Marzaiola*. Evidenti li d-deċiżjoni li ttieħdet li PC28 tibqa' dieħla fuq il-*Marzaiola* kienet intempestiva.

31. Din il-Qorti tifhem li l-ordni li rċeviet il-PC28 kienet dovuta għall-fatt li mill-*control room* kienu għadhom ma jafux li tliet membri tal-*Barberis* kienu telgħu abbord il-*Marzaiola* mingħajr reżistenza u anzi bl-għajnuna tal-ekwipaġġ tal-*Marzaiola* stess. Bla dubju, l-intervent ta' PC28 kif deskritt hawn fuq ma kienx hemm bżonnu jew ġustifikat f'dak il-mument, u kien ta' periklu bla bżonn għan-nies kollha abbord il-*Marzaiola*. Tant hu hekk li wara l-kolliżjoni ħadd mill-membri tal-ekwipaġġ tal-PC28 ma niżel fuq il-*Marzaiola*.[25] Fatt li jiskarta kompletament it-teżi tal-appellant li kien

[24] Fol. 336.
[25] Fol. 286 – 289.

hemm bżonn skorta ta' tnejn min-nies għal kull persuna tal-ekwipaġġ fuq il-*Marzaiola.* Iżda n-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn il-*patrol boats* in kwistjoni u l-*control room* tal-AFM mhix ġustifikazzjoni li jista' jinqeda biha l-appellant biex jiskolpa ruħu mir-responsabilità tal-akkadut.

32. Lanqas ma tirriżulta xi *force majeure* minħabba t-temp. Jekk il-kondizzjonijiet tat-temp ma kinux favorevoli, dan il-fattur kellu jitqies mill-AFM li kienet qed tmexxi l-operazzjoni u tat ordni lill-PC28 biex tibqa' dieħla fil-*Marzaiola,* bir-riskju kollu li tikkomporta tali manuvra. Il-Qorti lanqas ma tista' tifhem kif l-appellant qiegħed jippretendi li l-kolliżjoni setgħet ġiet evitata kieku Francis Grech żamm '*a proper look out'.* Hemm distinzjoni netta bejn ċirkostanza fejn żewġ bastimenti jkunu qed jinnavigaw viċin xulxin, u għalhekk iridu jżommu *proper lookout* u jżommu mar-*Regulations for the Prevention of Collisions at Sea*, mill-każ fejn il-PC28 baħħret dirett għal fuq il-*Marzaiola* speċifikament sabiex taħbat fil-*Marzaiola*.

33. Dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma mputat l-ebda ħtija lill Mario Farrugia personalment, jirriżulta ċar mill-fatti suesposti li l-imsemmi konvenut kien qiegħed jeżegwixxi l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu. Ma tirriżultax għalhekk l-ebda kontradizzjoni fil-fatt li l-konvenut Mario Farrugia ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju filwaqt li l-appellant ġie ddikjarat responsabbli għad-danni kollha li sofrew l-atturi.

34. Isegwi minn dan li, mill-aspett fattwali, ma sar l-ebda żball għal dak li jirrigwarda l-attribuzzjoni tar-responsabilità tal-inċident *de quo* lill-appellant.

35. Dan l-aggravju hu miċħud.

*It-Tielet Aggravju.*

36. Illi permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament mhux xieraq '*ta' xi prinċipji legali'* applikabbli, ossija: in-ness tal-każwalità; il-fatt dannuż; il-prevedibilità; il-kontributorjetà tal-attur.

37. Dan l-aggravju m'huwa xejn għajr ripetizzjoni tal-aggravju ta' qablu, fis-sens illi jistrieħ kompletament fuq l-allegazzjoni illi l-ħsara mġarrba fil-*Marzaiola* kienet konsegwenza tad-diżubbidjenza tal-atturi għall-ordinjiet leġittimi tal-konvenut appellant.

38. A skans ta' ripetizzjoni bla bżonn, din il-Qorti mhux ser toqgħod tirrepeti l-konsiderazzjonijiet li għamlet fir-rigward tal-aggravju preċedenti. Tisħaq biss li l-fatt li l-atturi sfidaw l-ordijiet tal-AFM, fis-sens limitat li dawn riedu bilfors imorru lura l-port fl-Imġarr, Għawdex u mhux fil-bażi tal-AFM

ġewwa Hay Wharf, ma jfissirx neċessarjament illi d-danni lamentati mhumiex imputabbli lill-appellant. Dan ma jfissirx assolutament li l-Qorti qiegħda tiġġustifika jew tapprova l-aġir tal-atturi. Dawn tal-aħħar bla dubju naqsu milli jobdu l-ordni leġittima li ngħatat. Iżda dan il-fatt ma jeżonerax lill-Forzi Armati milli f'kull każ jaġixxu u jużaw il-poteri tagħhom b'mod proporzjonat. Il-provi juru bla dubju li d-deċiżjoni li ttieħdet ikkaġunat ħsara fl-iskuna *Marzaiola* meta ma kienx hemm bżonnha minħabba li membri tal-ekwipaġġ ta' waħda mid-dgħajjes tal-Forzi Armati kienu diġa` telgħu abbord fuq il-*Marzaiola*.

39. Il-fatt dannuż li wassal għall-konsengwenza dannuża kienet l-ordni ta' *ram and board* li l-PC28 rċeviet mill-*control room* tal-AFM u mhux l-aġir tal-atturi li kienu diġà għenu lill-ekwipaġġ tal-AFM fuq il-P27 jinżel abbord il-*Marzaiola*. Il-fatt dannuż seta' faċilment ġie evitat li kieku PC28 kellha kuntatt *radjofoniku* adegwat mal-P27 jew kieku tal-inqas l-PC28 ingatat direzzjoni teżamina sew is-sitwazzjoni u tistenna li jsiru aċċertamenti mill-*control room* mal-P27 qabel ma timponta ruħha bil-pruwa għal ġol *Marzaiola.* Il-fatt biss li l-atturi dderiġew il-bastiment tagħhom lejn Għawdex ma kienx ta' periklu imminenti għall-membri tal-AFM fuq il-P27.

40. Dwar l-element ta' prevedibilità l-appellant jgħid is-segwenti:

> *'meta l-atturi sfidaw l-ordni tal-Armata u effettivament baqgħu ibaħħru lejn l-Imġarr Għawdex flok lejn Haywharf hekk kif kienu ordnati jagħmlu, huma kienu konxji dwar x'kien sejjer ikun il-pass li jmiss. Il-membri tal-AFM irrepetew l-ordnijiet, u sparaw tiri ta' avvertiment. Xi ppretendew l-atturi, li jibqgħu ibaħħru lejn l-Imġarr qisu ma ġara xejn? Kien għalhekk prevedibbli illi l-Armata kienet se tibbordja l-lanċja tagħhom bir-riskji kollha inerenti li hemm meta żewġ bastimenti fuq baħar fil-miftuħ, f'kundizzjonijiet ta' temp li kienu 'challanging' jersqu qrib ħafna ta' xulxin sabiex isir boarding.'*

41. Hawnhekk l-appellant donnu jinsa l-fatt minnu stess aċċettat, illi *boarding* kien diġa` sar minn tlett membri tal-ekwipaġġ tal-P27 mingħajr ebda reżistenza ta' xejn. Il-manuvra li saret mill-PC28 kienet prevedibbli li ser issir ħsara.

42. L-appellant jinsisti wkoll fuq il-kontibutorjetà tal-atturi konsegwenti għall-fatt li, skont it-teżi tal-appellant, fil-mument tal-impatt Francis Grech telaq it-tmun tal-*Marzaiola* biex jara x'qed jiġri fil-poppa '*bil-konsegwenza li spiċċat fit-trajjettorja tal-PC28'* bil-maltemp.

43. Din it-teżi diġa` ġiet skartata fl-aggravju preċedenti. Skont l-ekwipaġġ tal-*Marzaiola,* din ta' l-aħħar bil-kemm kienet qed titħarrek fil-ħin tal-impatt. Verżjoni kredibbli fil-kuntest tal-fatt li l-membri tal-AFM l-oħra abbord il-*Barberis* (P27) kienu għadhom kif niżlu mingħajr diffikulta` minn fuq il-lanċa tagħhom għal dik tal-atturi. Ukoll kieku stess Francis Grech ħalla t-tmun momentarjament biex '*jittawwal'* x'kien qed jiġri fil-poppa, kienet il-PC28 li baqgħet dieħla fuq il-*Marzaiola* u mhux il-kontra. Dan qalu l-kaptan Mario Farrugia stess. It-teżi li l-*Marzaiola* '*spiċċat fit-*

*trajjettorja tal-PC28'* bil-maltemp hija biss konġettura tal-appellant mhux sorretta bi provi.

44. Għaldaqstant, tiċħad ukoll dan l-aggravju.

*Ir-Raba' Aggravju.*

45. Illi permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta li saret inġustizzja miegħu meta l-ewwel Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha mingħajr ma ħadet konjizzjoni tal-proċeduri kriminali li kellhom jitqiesu bħala parti ntegrali mill-proċeduri odjerni.

46. Dwar dan l-ewwel Qorti qalet is-segwenti:

> *'29.0. Illi rigward il-process kriminali mehud fil-konfront tal-atturi u mitlub biex jifforma parti mill-atti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*
>
> *"29.1. Illi nonostante li tali talba tirrizulta riferita fil-verbal peritali tat-23 ta' Frar, 2000, (ara fol fol 120);*
>
> *"29.2. Illi nonostante li tali talba giet milqugha minn din il-qorti diversament preseduta permezz tad-digriet taghha datat l-24 ta' Frar, 2000, (ara fol 120 u 121);*
>
> *"29.3. Dan il-process qatt ma gie intordott fl-atti tal-istess procedura hawn in dizamina;'*

47. Hawnhekk l-ewwel Qorti ma kinitx preċiża. Jirriżulta mill-atti illi:

47.1. Fis-seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju tal-21 ta' Frar 2000, ġie vverbalizzat illi '*Dr J Micallef Stafrace jitlob għall-ekonomija jkun hemm l-adessjoni tal-kontro-parti biex il-proċess kriminali li fih il-provi b'mod estensiv jiġi allegat ma' dan il-proċess odjern u l-proċeduri hemm miġbura jitqiesu daqs li kieku inġabru fil-proċess odjern salv id-dritt ta' kull kontro-eżami ..'*[26]

47.2. L-assistent ġudizzjarju għamel talba f'dak is-sens lill-Qorti fit-23 ta' Frar 2000;[27]

47.3. Il-Qorti laqgħat dik it-talba fl-24 ta' Frar 2000;[28]

47.4. Fis-seduta quddiem il-Perit Legali tal-14 ta' Marzu 2011, ġie vverbalizzat illi '*il-perit legali jirrileva wkoll illi l-proċess kriminali ġie allegat mal-proċess u* ***jinsab fis-sigrieta tal-Imħallef għad-dispożizzjoni tal-Perit Legali****.';*[29] u

47.5. Fis-seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju tal-21 ta' Jannar 2001, ġie vverbalizzat illi '*referibbilment għar-rikors preżentat mill-Perit Legali, biex jiġi allegat il-proċess kriminali, għal kull buon fini l-imputati fil-proċess kriminali, li huma atturi fil-kawża Ċivili odjerna, jagħtu l-kunsens tagħhom bħalma għandu jirrapporta ġie li huma taw meta ġiet verbalizzata t-talba għal tali allegazzjoni tal-proċess'.*[30]

[26] Fol. 278.
[27] Fol. 120 u 419.
[28] Fol. 121.
[29] Fol. 284 – enfażi tal-Qorti.
[30] Fol. 283

48. Għalhekk, bħala stat ta' fatt, il-proċess kriminali effettivament kien allegat mal-proċess ta' din il-kawża. Mir-rapport stess tal-perit legali jirriżulta li kien ra l-atti tal-proċeduri kriminali.

49. F'kull każ b'dak li ġara ma jirriżultax li l-appellant sofra xi preġudizzju. Fil-fatt waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 ġie verbalizzat:

> *"Id-difensuri tal-Kap Kmandant b'referenza ghar-raba' aggravju tal-appell, jirrilevaw illi l-mertu tieghu jirrigwarda x-xhieda li kien ta l-Kaptan Francis Grech fil-kawza Kriminali, senjatament fejn iddikjara li f'mument partikolari qabel sehh l-incident ma kellux il-kontroll tal-iskuna Marzaiola f'idejh.*
>
> *"L-Av Micallef Stafrace jiddikjara li bhala fatt dan mhux qed jigi kkontestat, u li l-punt relevanti ghall-finijiet tal-mertu tal-kawza hu li d-dghajsa tal-Forzi Armati deliberatament baqghet diehla fl-iskuna ta' Grech".*

50. Madankollu, dak il-fatt diġa` ġie kkonsidrat fl-aggravju dwar x'wassal għall-inċident meritu tal-kawża. Għalhekk l-appellant ma sofra l-ebda preġudizzju. Il-konklużjoni hi li dak il-fatt ma kienx il-kawża prossima tal-inċident.

51. Tiċħad dan l-aggravju wkoll.

*Il-Ħames Aggravju.*

52. Illi permezz tal-ħames aggravju l-appellant jilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti waslet għall-komputazzjoni tad-danni. Jikkontendi li l-kontijiet prodotti huma eżaġerati wkoll tenut kont tal-fatt li l-*Marzaiola*

kienet ilha tbaħħar għal diversi snin u kienet f'kundizzjoni ħażina. Jinsinwa wkoll li l-atturi ħadu deċiżjoni unilaterali biex isewwu l-ħsara għand min għamel it-tiswija, mingħajr ma ħadu parir professjonali u mingħajr prova li kien *economically viable* li jsiru t-tiswijiet. Jgħid għalhekk li din il-Qorti għandha tbaxxi s-somma likwidata.

53. Dan l-aggravju ma jsemmix liema huma l-provi in atti li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti tillikwida somma ta' danni nferjuri. L-atturi ppreżentaw rapporti estensivi dwar id-danni li saret fid-dgħajsa *Marzaiola*.[31] Min-naħa l-oħra l-appellant jistrieħ biss fuq allegazzjoni li l-*Marzaiola* kienet malandata.

54. Kif tajjeb irrelata l-perit legali a fol. 260, l-appellant ma ressaq ebda prova li tikkontradiċi l-kontenut tar-rapport tal-*accountant* John Attard.

55. Apparti dan, l-appellant donnu jinsa' li l-*Marzaiola* kienet l-uniku sors ta' dħul tal-atturi sajjieda.[32] Kieku l-appellati ma għamlux it-tiswijiet neċessarji u qagħdu jistennew, dan kien iwassal għall-konsegwenza li l-atturi ma jkunux jistgħu jaħdmu u b'hekk xorta kienu se jakkumulaw danni forma ta' *lucrum cessans* oltre dawk reklamati sakemm saru t-tiswijiet tal-*Marzaiola*.

56. Tiċħad ukoll dan l-aggravju.

---

[31] Fol. 423 *et seq*.
[32] Fol. 265.

*Is-Sitt Aggravju.*

57. Fis-sitt u l-aħħar aggravju l-appellant jikkontendi li l-kontro talba tiegħu ġiet ippruvata u kellha tiġi milqugħa.

58. Id-dinamika tal-inċident diġa` ġiet ikkonsidrata aktar ‘il fuq u m’hemmx ħtieġa ta’ ripetizzjoni. Stabbilit li l-Forzi Armati ta’ Malta hi responsabbli għall-ħsara li saret fid-dgħajsa *Marzaiola* (F208) meta ntużat forza bla bżonn, ir-rikonvenzjoni ma tistax tintlaqa’.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell huma kollha a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm